MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 725/2006

**Assocjazzjoni GS1 Malta**

**Vs**

**George Cini (I.D. 491447M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Awissu 2006, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-assocjazzjoni attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u disghin Liri Maltin (Lm295), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghaxijiet u bl-ispejjes.

Sema` x-xhieda ta' Diane Felter, ufficjal tal-Posta Limited, li bil-gurament taghha kkonfermat ir-riferta tal-Posta mmarkata *refused*;

Ra d-digriet tieghu tat-8 ta' Amrzu 2007 li permezz tieghu ai termini ta' l-Artikolu 187(1) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-finijiet u effetti legali kollha l-avviz u l-avviz tas-smiegh kellhom jitqiesu regolarment notifikati.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra li ai termini ta' l-artiklu 187 (1) tal-Kap 12, il-konvenut jitqies debitament notifikat, izda naqas u ma deherx la fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2007, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba ta' l-assocjazzjoni attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal, jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u disghin Liri Maltin (Lm295), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------